12 ta' Lulju, 1949.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Emmanuele Borg pr. et ne. *versus* Neg. Joseph Grixti et.

**Imgħax — Kapitalizzazzjoni — Appell — Soprasessjoni — Sentenza.**

*L-imgħaxijiet magħluqa ta' mhux anqas minn sena jistgħu jiġu kapitalizzati u jirrendu imgħax ieħor bi ftehim wara li jagħalqu, jew b'sentenza fuq talba ġudizzjarja u mill-jum ta' dik it-talba.*

*Bħala regola, biex l-imgħaxijiet ikunu magħluqa jeħtieġ li jkunu eżiġibili; u biex ikunu eżiġibili jeħtieġ li jkunu likwidi, u għalhekk, "a fortiori", li jkun likwidu u ċert il-kapital li fuqu jgħaddu. Għaldaqstant, jekk il-kreditu huwa kanonizzat b'sentenza, u din tiġi appellata, dak il-kreditu jonqsu ċ-ċertezza ġuridika sakemm ikun għadu pendenti l-appell.*

*Mill-banda l-oħra, l-illikwidità tal-kreditu ma tridx tkun dovuta għal fatt tad-debitur.*

*In bażi għal dawn il-prinċipji, fil-każ preżenti, fejn intalbet il-kapitalizzazzjoni ta' interessi dovuti b'sentenza li ġiet appellata quddiem il-Kumitat Ġudizzjarju tal-Maestà Tiegħu r-Re, il-Qorti ssoprassediet fuq id-domanda għal dik il-kapitalizzazzjoni sakemm jiġi deċiż dak l-appell.*

L-attur proprio et nomine qal li b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà tar-Re fil-kawża fl-ismijiet "Emmanuele Borg vs. Joseph Grixti et." tal-15 ta' Marzu 1948, il-konvenuti ġew kundannati jħallsuh is-somma ta' £225. 6. 3 bħala interessi fuq il-kapital ta' £433. 6. 8 sat-30 ta' Ottubru 1948, bl-interessi ulterjuri illi sat-30 ta' Ottubru 1948 jilħqu £104 oħra, b'kollox £329. 6. 3; u talab li, wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti opportuni, tiġi kapitalizzata d'na s-somma ta' interessi ta' £329. 6. 3, u jiġu konsegwentement il-konvenuti kundannati biex iħallsuh l-interessi fuq dina s-somma mid-data tas-sentenza

bir-rata tas-6% fis-sena. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-20 ta' Jannar 1949, kontra l-konvenuti;

*Omissis*:

Il-Qorti rat l-attijiet tal-kawża u semgħet l-avukati;

Skond l-art. 1185 tal-Kodiċi Ċivili, l-imgħax magħluqa ta' mhux anqas minn sena jistgħu jigu kapitalizzati u jirrendu l-imgħax jekk jew bi ftehim wara li jagħalqu, jew b'sentenza fuq talba gudizzjarja u mill-jum ta' dik it-talba. Bħala regola, biex l-imgħax ikunu magħluqa jeħtieġ li jkunu eżiġibili; u biex ikunu eżigibili jeħtieġ li jkunu likwidi; u għalhekk "a fortiori" li jkun likwidu u ċert il-kapital li fuqu jgħaddu, għax "in illiquidis non fit mora". Gian Carlo Massa, fit-trattat tiegħu "L'Obbligazione degli Interessi", igħid:— "Costituendo l'obbligo degli interessi sugli interessi un debito accessorio, il debito principale, e cioè quello degli interessi sul capitale, deve essere certo quanto alla sua esistenza. E d'uopo, inoltre, che sia liquido quanto al suo ammontare" (no. 58, p. 115);

Il-Qorti ta' l-Appell ta' Genova, fis-sentenza tat-22 ta' Jannar 1946 in re "Castagneto vs. Soc. Anon. Funivia Rapallo Montallegro", tenniet l-istess tagħlim, meta qalet li "l'illiquidità del credito è di ostacolo alla capitalizzazione degli interessi su di esso dovuti" (Repertorio, anno 1947, p. 1358). U minn Qrati Taljani li applikaw liġijiet simili għal tagħna ġie ritenut li ma huwiex likwidu l-kreditu kanonizzat b'sentenza li għadha tinsab appellata (ara Fadda, Giurisprudenza, taħt l-art. 1287, no. 104, 105, 194, 195);

Fil-każ preżenti, il-kreditu ta' l-attur ġie kanonizzat b'sentenza ta' din il-Qorti, li ġiet konfermata mill-Qorti ta' l-Appell; iżda l-konvenut appella minn din is-sentenza quddiem il-Kunsill Privat tar-Re, u dan l-appell għadu pendenti; u għalhekk is-sentenza ta' dil-Qorti għadha mhijiex "res judicata", u għaldaqstant tonqos iċ-ċertezza ġuridika;

Mill-banda l-oħra, l-istess awtur fuq imsemmi, f'nota, igħid:— "La dottrina e la giurisprudenza francese sono prevalenti nel senso di ammettere che la domanda giudiziale faccia correre gli interessi anche sugli interessi illiquidi, quando l'illiquidità non sia addebitabile al creditore" — V. Demolombe 667 ed autori da lui ricordati, Aubry et Rau 408,

nota 56, Baudry Lacantinerie, *Delle Obbligazioni I, 530*. Il Laurent, XVI, n. 342 *è d'avviso che la domanda basti a far decorrere gli interessi quando l'illiquidità non sia addebitabile al creditore e non impedisca al debitore di fare delle offerte reali, mettendo in mora il creditore stesso. Presso a poco è l'opinione che noi pure accettiamo*" (Ibid.). L-istess tagħlim insibu fid-Digesto Italiano, v. Anatocismo, no. 20-21, pp. 202, 203, Vol. III, Pt. II;

Fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji, in vista ta' l-appell li hemm pendenti, sabiex jiġi evitat il-perikolu li, fil-każ ta' eżitu favorevoli ta' l-appell, ikun hemm sentenza li ma tkunx tikkorrispondi aktar għar-realtà tal-vera pożizzjoni ġuridika tal-partijiet wara s-sentenza tal-Kunsill Privat tar-Re, il-Qorti hija tal-fehma li għandha tissopprassjedi prudenzjalment għal *dina* l-kawża. U tabilħaqq, jekk l-appell jiġi riġettat, jew *jiġi milqugħ* f'parti biss, dina l-kawża pendenti *tkun* salvat *id-dekorrenza* ta' l-imgħax favur l-attur, u ebda preġudizzju ma jkunu sofrew il-partijiet;

*Għal* dawn ir-raġunijiet il-*Qorti* tiddikjara *li tissopprassjedi għal dina l-kawża* sakemm jinqata' l-appell pendenti quddiem il-*Kunsill Privat* tal-Maestà Tiegħu *r-Re fil-kawża* fuq imsemmija; u *għalhekk* tħalli l-kawża "*sine die*";

L-ispejjeż jibqgħu *riżervati*.